VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,453, 15 ta' Lulju, 2015
Taqsima B

A.L. 222 tal-2015

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)

Regolamenti tal-2015 dwar in-Notifika ta' Taħrikiet bil-Posta Elettronika

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikoli 6 u 13 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2015 dwar in-Notifika ta' Taħrikiet bil-Posta Elettronika

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġ xort'oħra -

Kap. 261.

"l-Att prinċipali u r-regolamenti" tfisser l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja u r-regolamenti magħmula taħtu;

"posta elettronika" tfisser it-trasmissjoni ta' messaġġi permezz ta' *network* tal-kompjuter;

Kap. 261.

"taħrika" tfisser ordni bil-miktub maħruġa skont l-artikolu 5(3) u (4) tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja;

Kap. 261.

"uffiċjal awtorizzat" tfisser il-persuna jew l-awtorità li bis-setgħa tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja jew regolamenti oħra magħmula taħt l-istess Att tiġi fdata bin-notifika ta' atti ġudizzjarji.

Notifika.

3. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att prinċipali u r-regolamenti, in-notifika ta' taħrika tista' ssir ukoll permezz tal-posta elettronika.

(2) Kwalunkwe persuna elenkata fis-sub-regolament 3 li tkun interessata tabbona għas-servizz tan-notifika ta' taħrika permezz tal-posta elettronika għandha tirreġistra għas-servizzi elettroniċi marbuta mas-Sistema ta' Nfurzar Lokali u għandha tiffirma dikjarazzjoni fil-preżenza ta' uffiċjal awtorizzat li għandha ssir skont il-formola preskritta fl-Iskeda 1.

(3) Ir-reġistrazzjoni għal servizzi elettroniċi u l-iffirmar tad-dikjarazzjoni għandhom isiru minn:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) persuna li tkun għalqet it-tmintax-il sena, fil-każ ta' persuna fiżika;

(b) kwalunkwe persuna li hija vestita bir-rappreżentanza legali u ġuridika, fil-każ ta' persuna ġuridika li għandha personalità legali distinta.

Data tan-notifika.

4. (1) Għall-iskopijiet u effetti tal-liġi t-taħrika għandha tiġi meqjusa li ġiet notifikata fil-jum u fil-ħin li l-posta elettronika mibgħuta fl-indirizz indikat fil-formola preskritta tinqara skont ma turi d-*data* tas-Sistema ta' Nfurzar Lokali.

(2) L-uffiċjal awtorizzat għandu fl-istess jum li l-posta elettronika tkun inqrat jew, l-aktar tard, fil-jum tax-xogħol li jmiss, jimla' Ċertifikat ta' Notifika li għandu jsir skont il-formola preskritta fl-Iskeda 2.

(3) Kopja ta' dan iċ-ċertifikat għandha tiġi preżentata mill-uffiċjal awtorizzat fl-atti tal-proċeduri quddiem it-Tribunal Lokali.

(4) Ebda prova għajr iċ-Ċertifikat ta' Notifika ma hi meħtieġa għall-finijiet ta' validità tan-notifika tat-taħrika.

(5) Il-Kummissarji għall-Ġustizzja jistgħu pero' jeħtieġu li kull ċertifikat bħal dak jiġi konfermat b'ġurament mill-uffiċjal awtorizzat u kull ġurament bħal dak għandu jingħata mill-Kummissarji msemmija.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 1
(Regolament 3)

DIKJARAZZJONI skont ir-regolament 3

Jien, ……..... detentur tal-Karta tal-Identità numru ……..... f'ismi/f'isem ……..... (*niżżel l-isem tal-persuna ġuridika li għandha personalità legali distinta, fejn applikabbli*) niddikjara li rreġistrajt għas-servizzi elettroniċi marbuta mas-Sistema ta' Nfurzar Lokali permezz tas-sit elettroniku www.les.gov.mt.

Jien naqbel li naċċetta t-taħrikiet kollha maħruġa lili f'ismi/ f'isem ……..... (*niżżel l-isem tal-persuna ġuridika li għandha personalità legali distinta, fejn applikabbli*) fejn tali taħrikiet jiġu notifikati fl-indirizz elettroniku segwenti:..... (*niżżel l-indirizz elettroniku*).

Jien nikkonferma wkoll li naċċetta f'ismi/f'isem ……..... (*niżżel l-isem tal-persuna ġuridika li għandha personalità legali distinta, fejn applikabbli*) li nkun debitament notifikat għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi bit-taħrikiet kollha li jaslu bil-posta elettronika fl-indirizz elettroniku hawn fuq imsemmi.

Firmatarju:

Firma ……..……

Xhud (*uffiċjal awtorizzat*):

Firma ……..……

Isem ……..…….....

Karta tal-Identità numru ……..

Data: ……./……../……..

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA 2
(Regolament 4)

ĊERTIFIKAT TA' NOTIFIKA

Data tat-taħrika: ……./……../……....

Numru tat-taħrika: .....

Isem tal-persuna mħarrka: .....

Data meta t-taħrika ntbagħtet permezz tal-posta elettronika:

……./……../……....

Data tal-kunsinna tat-taħrika bil-posta elettronika:

……./……../……....

Data meta t-taħrika nqrat permezz tal-posta elettronika:

……./……../……....

Jien, hawn taħt iffirmat ..... nikkonferma li ġibt l-informazzjoni t'hawn fuq mid-*data* tas-Sistema ta' Nfurzar Lokali. Kopja ta' din id-*data* qed tigi hawn annessa u mmarkata bħala Dok A.

Firma tal-uffiċjal awtorizzat .....

Data ……./……../……....